MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-6 ta' April, 2004

Avviz Numru. 82/2004

**Joe Tonna (Properties) Limited**

**vs**

**Giuseppe Deguara**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u mitejn lira (LM 2,200) rapprezentanti depositu imhallas lilu mis-socjeta' attrici skond konvenju ta' bejgh ta' immobbli datat 28 ta' Frar, 2002 (Dok A) u skond skritturi datati 25 ta' Lulju 2002 u l-1 ta' Awissu 2002 (Dok B), liema konvenju skada u ghalhekk m'ghadux aktar in vigore;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 13 ta' Jannar, 2004 u bl-imghax legali;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma kkontestax it-talba attrici.

Rat in-nota ta’ ammissjoni pprezentata mill-konvenut fis-seduta tal-lum stess permezz ta’ liema huwa ammetta it-talba attrici.

Il-Qorti qeghda ghalhekk tiddeciedi l-kawza billi tilqa t-talba attrici fil-konfront tal-konvenut u konsegwentement qeghda tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma mitluba ta’ elfejn u mitejn lira Maltin (LM2,200) bl-imghax legali kif mitlub u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------